# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 412/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Stephen Galea**

Illum 22 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Stephen Galea**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 397978(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-24 ta' Awwissu 2021 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. kiser waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet għall-ħelsien mill-arrest, akkordati lilu mill-Qorti

Kriminali kif preseduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. nhar is-7 ta' Ottubru 2020, liema kondizzjonijiet ingħatawlu taħt depożitu ta' elfejn Euro (€2,000) u garanzija personali ta' ħamest elef Euro (€5,000).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skont il-liġi, tordna r-revoka tad-digriet li bih l-imputat ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu, kif ukoll tordna li l-ammont ta' sebat elef Euro (€7,000) (€2,000 depożitu u €5,000 garanzija personali) jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u dan kif stipulat f'Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru 2021 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu sitt (6) xhur priġunerija. *Ai termini* ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma komplessiva ta' sebat elef Euro (€7,000), liema somma tikkonsisti fid-depożitu ta' elfejn Euro (€2,000) u fil-garanzija ta' ħamest elef Euro (€5,000), imposta fuq l-imputat bid-digriet għall-ħelsien mill-arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera fis-7 ta' Ottubru 2020. *Ai termini* ta' Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u hekk kif mitlub mill-Prosekuzzjoni, l-Ewwel Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet għall-ħelsien mill-arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera fis-7 ta' Ottubru 2020 u ordnat ir-ri-arrest tal-imputat.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2021 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din l-Qorti sabiex: *"**tirriforma** s-sentenza billi **tikkonferma** l-ħtija filwaqt li **tħassar u tirrevoka** l-parti tal-piena u tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu sabitu ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu b'dan illi talab li din il-Qorti tvarja l-piena nflitta u minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta. Għandu jingħad ukoll illi fis-sottomissjonijiet magħmula bil-fomm quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, il-konsulent legali tal-appellant saħaq li l-appellant ma kienx qed jagħfas fuq il-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti u dana peress li kien fadallu biss ġimgħatejn biex din il-piena tiġi skontata. Fl-istess sottomissjonijiet talab li tiġi riformata dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrigwarda l-konfiska tad-depożitu ta' elfejn Euro (€2,000) u tal-garanzija personali ta' ħamest elef Euro (€5,000).

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva. Jisħaq li fl-aħħar żminijiet is-soċjeta' Maltija dejjem sostniet favur il-ġustizzja riparatriċi fejn persuna li żbaljat tingħata ċans li ssewwi dan l-iżball u li dan għandu japplika għal kull reat kommess u b'hekk isostni li l-piena nflitta ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. Jisħaq ukoll li ġialadarba l-Qorti għandha d-diskrezzjoni li l-ammont tad-depożitu ma jkunx konfiskat fl-intier tiegħu, b'hekk jemmen li tali ammont ma kellux jiġi konfiskat kollu kif sar fis-sentenza appellata. Filwaqt li jaqbel li kull imputat jew akkużat għandu jaderixxi bl-akbar skrupolożita' mal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, l-appellant jemmen li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn jekk dawn ikunu miksura u dan mhux dejjem ikun

ksur gravissimu. Isostni li ġialadarba l-ksur tiegħu kien limitat għan-nuqqas ta' iffirmar fl-Għassa tal-Pulizija, b'hekk dan għandu jattira d-diskrezzjoni tal-Qorti li l-ammont ta' depożitu u tal-garanzija personali ma kellhomx ikunu konfiskati fl-intier tagħhom u li kif ukoll il-piena ta' priġunerija kellha tkun fil-minimu possibbli. Da parte tagħha, il-Prosekuzzjoni saħqet li dak deċiż mill-Ewwel Qorti ma għandux jiġi disturbat.

Illi b'hekk il-*gravam* sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tinnota li huwa paċifiku li hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti jekk taqa' fil-parametri stabbiliti mil-liġi. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia** (Numru 447/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*[1]."

Illi fir-rigward tal-piena relatata mal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant għandu jingħad li Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, <u>il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li</u>

[1] **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, deċiza nhar il-25 ta' Awwissu 2005.

> l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat." [emfażi miżjuda]

Illi filwaqt li huwa minnu li f'dan il-każ il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tal-appellant kien relatat man-nuqqas tiegħu li jiffirma diversi drabi fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ u huwa minnu wkoll li Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti diskrezzjoni lill-Qorti jekk l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandux jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta, però huwa minnu wkoll dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha meta qalet hekk:

> "Fil-fehma tal-Qorti dawn in-nuqqasijiet da parte ta' l-imputat huma nuqqasijiet serji u altru milli *de minimis*. Huma nuqqasijiet li juru biċ-ċar li l-imputat ma għandu assolutament l-ebda rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti u lejn l-ordnijiet minnha imposti fuqu u b'hekk l-ebda inklinazzjoni li joqgħod għall-istess."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak imsemmi hawn fuq fir-rigward tal-piena li setgħet tingħata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant għall-imputazzjoni li huwa ġie misjub ħati tagħha (inkluż li jittieħed in konsiderazzjoni wkoll Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti (inkluż il-konfiska) hija piena li taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjoni li tiegħu l-appellant instab ħati.

Illi l-appellant irid jifhem illi l-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest qegħdin hemm biex jiġu osservati dejjem u mhux jiġu segwiti skont l-aptit tiegħu. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet sew li applikat ukoll dak li jiddisponi Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti jirriżultalha li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjoni li tiegħu huwa nstab ħati. Ma tressqet l-ebda raġuni valida quddiem din il-Qorti minħabba liema din il-Qorti b'xi mod jew ieħor setgħet tikkunsidra li tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, inkluż dik relatata mal-konfiska hekk kif ordnat fis-sentenza appellata.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Stephen Galea u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**